**Qawwa ġewwiena minn Fuq**

Kif rajtni mal-art
Bil-wisq kont iddardart,
Għalhekk lill-Mulej għajjatt
Mal-libsa tiegħu ixxabbatt.

Ta' Alla li hu
Li jkabbar fil-virtù,
Idu dlonk huwa tani
Biex jurini kemm laqagħni.

U qtajtha li nqum
Tiegħi nnifsi t-tmun,
Jien ħadt biex nimxi deċiż
Ħa nterraq fit-triq mingħajr piż.

U ħriġt għall-mixja
Li bil-ferħ ġiet ġirja,
Li fetħitli l-pulmuni
Baħħ it-toqliet li ħakmuni.

O kbira l-grazzja
Post tiegħu d-diżgrazzja,
U issir għajn ta' ilma
Bil-faraġ u s-sliem hi tilma.

Imxejt għal wita
F'jum nir mingħajr xita,
Sa fl-aħħar wasalt għarqan
Imma wiċċi mfaqqa' daħkan.

Għax ħassejt fija
Mhux le l-agunija,
Imma nixxiegħa tal-ferħ
Li għarrqittni f'baħar is-serħ.

Għajnejja bid-dmugħ
Ħarġu minn ferħ ir-ruħ,
Li henet is-sema idduq
X'qawwa ġewwiena minn Fuq!

Patri Mario Attard OFM Cap
21 ta' Frar 2021